# SKEDA INFORMATTIVA TEMATIKA

# TAS-SEMESTRU EWROPEW

# POLITIKI ATTIVI TAS-SUQ TAX-XOGĦOL

## 1. INTRODUZZJONI

L-għan ewlieni tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs) huwa li jżidu l-opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni li qed ifittxu impjieg, u li jtejbu t-tqabbil bejn l-impjiegi (postijiet battala) u l-ħaddiema (jiġifieri dawk qiegħda)[1]. Meta jagħmlu dan, l-ALMPs jistgħu jikkontribwixxu għall-impjiegi u għat-tkabbir tal-PDG u jnaqqsu l-qgħad u d-dipendenza mill-benefiċċji. L-ALMPs ivarjaw minn offerti ta' taħriġ istituzzjonali u fuq il-post tax-xogħol permezz ta' inċentivi ta' impjieg indiretti (iż-żamma tal-impjieg, il-kondiviżjoni tal-impjieg, is-sussidju għar-reklutaġġ) sa l-istabbiliment ta' impjiegi protetti u appoġġjati jew il-ħolqien ta' impjiegi diretti (skemi ta' xogħol pubbliku) u inċentivi għall-bidu ta' negozju. L-ALMPs jgħinu biex jiżguraw li dawk qiegħda jerġgħu lura għax-xogħol malajr kemm jista' jkun u fl-aħjar impjieg possibbli, billi jagħtuhom l-appoġġ li jeħtieġu biex jirnexxilhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol. Permezz ta' miżuri li jħarrġu mill-ġdid u jtejbu l-ħiliet, l-ALMPs jistgħu jgħinu wkoll biex jidderieġu lin-nies lejn oqsma li jaffaċċjaw skarsezza ta' ħiliet. Dan jgħin biex jiġu ffaċċjati l-bidliet strutturali u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija fi żminijiet ta' bidla. L-ALMPs huma komponent ewlieni ta' dawk li jissejħu "strateġiji ta' attivazzjoni" u tipikament ikunu marbuta mal-assigurazzjoni tal-qgħad / sistemi ta' assisstenza permezz tal-kondizzjonalità tal-benefiċċji[2]. Il-parteċipazzjoni fl-ALMPs prattikament saret, fil-pajjiżi kollha tal-UE, prerekwiżit biex ikomplu jingħataw il-benefiċċji.

Il-qgħad, u b'mod speċjali l-qgħad fit-tul (jiġifieri ta' mill-inqas 12-il xahar), jista' jkollu konsegwenzi negattivi serji għall-

---

[1] L-OECD tiddefinixxi l-ALMPs kif ġej: "Il-programmi attivi tas-suq tax-xogħol jinkludu n-nefqa soċjali kollha (minbarra dik fuq l-edukazzjoni) li tkun maħsuba għat-titjib fil-prospetti tal-benefiċjarji li jsibu impjieg bi qligħ jew li jżidu l-kapaċità tagħhom li jaqilgħu l-flus. Din il-kategorija tinkludi l-infiq fuq is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-amministrazzjoni tagħhom, it-taħriġ fis-suq tax-xogħol, programmi speċjali għal żgħażagħ li jkunu fi tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, programmi tas-suq tax-xogħol li joffru jew jippromwovu l-impjieg għal nies qiegħda u għal persuni oħrajn (għajr żgħażagħ u persuni b'diżabbiltà) u programmi speċjali għall-persuni b'diżabbiltà."

[2] Ara pereżempju John P. Martin, "Activation and Active Labour Market Policies in OECD Countries: Stylized Facts and Evidence on Their Effectiveness", Dokument ta' Politika tal-IZA Nru 84, Ġunju 2014.

individwu, għas-soċjetà u għas-sistema ekonomika[3]. Il-perjodu twil

[3] Din in-nota tiffoka l-aktar fuq il-prevenzjoni tal-qgħad fit-tul minħabba għadd ta' raġunijiet. L-ewwel nett, il-qgħad fit-tul tipikament ikollu impatti li jmorru lil hinn minn dawk li jidhru fil-qgħad b'mod ġenerali, kemm f'termini ta' severità kif ukoll f'termini ta' dewmien. Dan jeħtieġ l-użu tal-ALMPs. It-tieni nett, sabiex jiġi evitat kemm jista' jkun dak li jissejjaħ "telf nett għall-ekonomija", fis-sens proprju tagħhom (jiġifieri "miżuri reali" minbarra s-servizz pubbliku tal-impjiegi li jipprovdi servizzi tas-suq tax-xogħol) l-ALMPs għandhom ikunu mmirati l-aħjar għal dawk l-iktar distakkati mis-suq tax-xogħol, li fil-biċċa l-kbira jkunu persuni li ilhom qiegħda żmien twil. Dan itejjeb l-effettività (tal-ispiża) tal-ALMPs. It-tielet nett, l-evoluzzjoni tal-qgħad fit-tul tagħti impressjoni tajba dwar kemm l-ALMPs jaħdmu tajjeb, ħafna aħjar milli għall-qgħad totali, peress li dan tal-aħħar jiġi influwenzat l-aktar minn flutwazzjonijiet ċikliċi.

il-persuni qiegħda kulma jmur isibuha aktar diffiċli biex isibu impjieg u jaffaċċjaw qligħ u prospetti professjonali aktar baxxi. Fil-livell nazzjonali, il-qgħad fit-tul u persistenti jipperikola l-għanijiet ġenerali tal-politika tal-impjiegi, inaqqas il-kapaċità li jiġu allokati l-impjiegi t-tajbin għall-persuni adatti it-tajjeb u jdgħajjef il-mobbiltà okkupazzjonali u ġeografika[4].

Il-kapital uman tal-ħaddiema (kemm attwali kif ukoll dak perċepit mill-impjegaturi) jista' jiddeterjora matul perjodi twal ta' qgħad, u ż-żmien iddedikat għat-tiftix ta' impjieg is-soltu jonqos. Iż-żewġ fatturi jimplikaw li l-probabbiltà li wieħed ma jibqax qiegħed tonqos skont it-tul tal-qgħad, u dan ikabbar il-probabbiltà li wieħed jibqa' qiegħed. Maż-żmien il-ħaddiema qiegħda aktarx jitilqu mill-forza tax-xogħol u jirtiraw, jirreġistraw fi programmi ta' diżabbiltà jew sempliċement isiru "ħaddiema skoraġġuiti" filwaqt li l-qgħad ikompli[5]. Għalhekk huwa essenzjali li jsir intervent bikri, fil-bidu tal-perjodu tal-qgħad.

Barra minn hekk, l-impatt tal-kriżi fuq is-suq tax-xogħol enfasizza l-importanza kruċjali tal-ħiliet, tal-kwalifiki u tal-esperjenza professjonali. Il-ħaddiema żgħażagħ u dawk b'ħiliet baxxi ġarrew il-piż tal-kriżi. L-ALMPs jista' jkollhom rwol kruċjali fl-għoti tal-aċċess lin-nies għal ħiliet u għal esperjenza professjonali u jindirizzaw l-ostaklu ewlieni li jxekkel lil dawn il-gruppi fil-mira biex isibu impjieg.

Il-gruppi prinċipali fil-mira tal-ALMPs huma persuni li ilhom żmien twil qiegħda u b'mod partikolari ż-żgħażagħ[6], il-ħaddiema ikbar fl-età u l-persuni b'ħiliet baxxi. Madanakollu, l-ALMPs għandhom ukoll l-għan li jappoġġjaw lill-persuni qiegħda mainstream li jkunu bla impjieg tul perjodu qasir biex jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol. L-importanza tal-ALMPs hija riflessa tajjeb fid-dokumenti ta' politika tal-Kummissjoni, b'mod notevoli fil-Linji Gwida dwar l-Impjiegi 6 u 7[7].

Sabiex jitjieb il-progress fl-indirizzar tal-qgħad fit-tul, fi Frar 2016 il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol[8]. Ir-Rakkomandazzjoni tappoġġja l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 billi tagħti kontribut favur l-għanijiet li tiżdied ir-rata ta' impjieg u li jitnaqqas il-faqar.

Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni pproklamaw flimkien il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-prinċipji u d-drittijiet stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali se jkunu riflessi fil-ħidma li taqa' taħt is-Semestru Ewropew, b'mod partikulari bl-għajnuna ta' Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali ġdida. Il-pilastru jagħmel referenza għall-ALMPs[9].

Fl-aħħar nett, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2017 jinnota li *"l-indirizzar tal-qgħad fit-tul jibqa' prijorità"*.

Din l-iskeda informattiva tiffoka prinċipalment fuq dawk li ilhom żmien twil qiegħda, li jaffaċċjaw l-aktar ostakli serji biex jidħlu fis-suq tax-xogħol u li jiddependu mill-għoti ta' appoġġ attiv.

In-nota hija mqassma kif ġej: It-Taqsima 2 tivvaluta l-prestazzjoni tal-pajjiżi tal-UE rigward il-qgħad fit-tul, l-appoġġ

[4] Ara "Long-Term Unemployment: There is no Easy Fix", http://blogs.lse.ac.uk/politicsandpolicy/archives/37154.

[5] Ara A. Nichols, J. Mitchell u S. Lindner, "Consequences of Long-Term Unemployment", http://www.urban.org/UploadedPDF/412887-consequences-of-long-term-unemployment.pdf.

[6] Ara l-iskeda tematika dwar l-impjieg taż-żgħażagħ.

[7] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1838 tat-13 ta' Ottubru 2016.

[8] 2016/C 67/01.

[9] *"Kulħadd għandu d-dritt għal assistenza f'waqtha u mfassla apposta biex jittejbu l-opportunitajiet ta' impjieg jew il-prospetti ta' impjieg indipendenti. Dan jinkludi d-dritt li wieħed jirċievi appoġġ għal tfittxija, taħriġ u kwalifikazzjoni mill-ġdid ta' xogħol... . In-nies qiegħda għandhom id-dritt għal appoġġ personalizzat, kontinwu u konsistenti. Dawk qiegħda fit-tul għandhom id-dritt għal valutazzjoni individwali fil-fond mhux aktar tard minn 18-il xahar ta' qgħad."*

għall-attivazzjoni u l-infiq fuq l-ALMPs. It-Taqsima 3 tiddiskuti l-evidenza disponibbli dwar politiki potenzjali tal-ALMPs li jindirizzaw il-qgħad b'mod effettiv. It-Taqsima 4 tagħti ħarsa ġenerali qasira ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-politika fl-UE.

Skeda informattiva separata tispjega l-kwistjonijiet u l-isfidi marbuta mas-Servizzi ta' Impjieg Pubbliku.

Fl-aħħar nett, din l-iskeda informattiva tematika hija marbuta mill-qrib mal-iskeda informattiva tematika dwar il-benefiċċji tal-qgħad permezz tar-rekwiżiti tal-kondizzjonalità li jeżistu f'bosta Stati Membri.

## 2. L-ISFIDI TAL-POLITIKA: ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PRESTAZZJONI FIL-PAJJIŻI TAL-UE

L-ammont ta' qgħad fit-tul (LTU) huwa wieħed mill-indikaturi ewlenin li fuqhom jista' jsir ġudizzju dwar l-adegwatezza u/jew is-suċċess tal-ALMPs (u s-servizzi ta' impjieg pubbliku).

Il-qgħad fit-tul, li kien ta' 2.6 % fl-UE fl-2008, żdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu mill-2008 'il hawnu laħaq il-5.1 % qabel ma naqas għal 4 % fl-2016 fl-Istati Membri kollha u laħaq il-5.1 % qabel ma naqas għal 4 % fl-2016 (ara l-Illustrazzjoni 1). Iż-żidiet kienu partikolarment qawwija fil-Greċja, fi Spanja, fil-Kroazja, fil-Portugall, fl-Italja, f'Ċipru u fl-Irlanda, u kkontribwixxew għal diverġenza dejjem tikber bejn l-Istati Membri matul dan il-perjodu. Wara sitt snin ta' tkabbir imrażżan u domanda baxxa għall-impjiegi, il-qgħad fit-tul (flimkien mal-qgħad fost iż-żgħażagħ) irriżulta bħala l-legat ewlieni tal-kriżi għall-qasam tal-impjiegi, b'konsegwenzi soċjali u ekonomiċi negattivi sinifikanti għall-individwi u għas-soċjetà. Il-qgħad fit-tul iġib sfidi konsiderevoli: meta t-tul tal-qgħad jiżdied, ir-rabta mas-suq tax-xogħol tiddeterjora, bi tnaqqis drastiku fil-probabbiltà ta' impjieg mill-ġdid f'impjiegi stabbli u b'żieda fir-riskju tal-inattività. Aktar ma jkun twil il-perjodu tal-qgħad, aktar ikun jenħtieġ appoġġ biex tingħata għajnuna lin-nies biex jerġgħu lura fis-suq tax-xogħol. L-ostakli għall-parteċipazzjoni għandhom tendenza jakkumulaw, u ħafna drabi jeħtieġu l-involviment ta' aktar servizzi ta' appoġġ.

Il-fattur ewlieni li inċita ż-żieda fil-qgħad fit-tul minn żmien il-kriżi kien l-inkapaċità tas-suq tax-xogħol li jakkomoda d-dħul ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja kaġun tar-ristrutturar, minħabba nuqqas ta' domanda għall-ħaddiema u/jew minħabba żieda fin-nuqqas ta' tqabbil bejn id-domanda u l-provvista tal-ħaddiema.

L-effetti tal-kriżi ġew aggravati minn nuqqasijiet istituzzjonali. Wieħed minn dawn il-fenomeni huwa s-segmentazzjoni, li fiha proporzjon għoli ta' nies b'kuntratti temporanji/part-time (il-"marġni flessibbli") jitilfu l-impjieg tagħhom, filwaqt li dawk b'sigurtà għolja fl-impjieg u bi spejjeż tas-sensja għoljin ma jitilfuhx. Kwistjoni oħra hija l-inadegwatezza tal-ALMPs u b'mod partikolari tas-servizzi ta' impjiegi pubbliku, li f'ħafna pajjiżi naqsu milli jimmaniġġjaw sewwa ż-żieda kbira fl-għadd ta' persuni qiegħda f'sitwazzjoni ta' tnaqqis fit-tul fir-ritmu ekonomiku.

Il-qgħad fit-tul jaffettwa lil ċerti gruppi bħall-irġiel, iż-żgħażagħ[10] u l-ħaddiema bi ftit kwalifiki[11] aktar minn gruppi oħrajn, u jolqot b'mod speċjali lil dawk li jaħdmu f'impjiegi u f'setturi li sejrin lura. Kif diġà ntqal, l-istat ġenerali tal-ekonomija jibqa' fattur importanti biex jiddetermina l-bidliet fil-livelli u fil-flussi lejn u mill-faxex tal-persuni qiegħda tul żmien twil, iżda hemm ukoll effetti speċifiċi għall-pajjiżi, b'xi Stati Membri jiżguraw rati ta' tranżizzjoni relattivament għolja fir-rigward tar-ritorn għall-impjieg.

Aktar riċentement, bejn l-2014 u l-2015, ir-rata tal-LTU naqset f'bosta Stati Membri (Illustrazzjoni 2), iżda r-rata qed tkompli tiżdied f'seba' Stati Membri, inkluż f'xi wħud b'rati tal-LTU relattivament baxxi (l-Awstrija, il-Finlandja u l-Lussemburgu).

Minbarra r-rata tal-LTU, wieħed jista' wkoll iqis is-sehem tal-qgħad fit-tul fi ħdan il-qgħad totali. Dan jagħti

[10] Fl-2016, 5.5 % jew 29.5 % taż-żgħażagħ qiegħda kienu qiegħda tul żmien twil.

[11] Għal ħaddiema b'ħiliet baxxi attwalment mhemm ebda dejta standard iżda dejta preċedenti mill-Q2 2015 uriet li l-LTU jista' jkun tela' għal 9.3 %.

indikazzjoni tal-inċidenza tal-fenomenu. Fl-UE-28[12] l-inċidenza tal-qgħad fit-tul[13] żdiedet minn 34.7 % fl-2008 (ir-raba' trimestru) għal 48.3 % fl-2015 (ir-raba' trimestru), u dan jirrifletti tnaqqis fir-rati tas-sejbien ta' impjieg ikkawżat minn domanda għall-ħaddiema kontinwament baxxa u minn żieda fin-nuqqas ta' tqabbil mal-ħiliet disponibbli, li huma t-tnejn marbuta mar-ristrutturar ekonomiku u mad-deterjorazzjoni gradwali tal-ħiliet hekk kif il-perjodi tal-qgħad ikomplu jitwalu. L-Istati Membri għandhom prestazzjoni differenti ħafna fl-inċidenza tal-qgħad fit-tul: ir-rati tal-Q4-2015 kienu l-inqas (taħt it-30 %) fid-Danimarka, fil-Finlandja, fl-Iżvezja u fir-Renju Unit u 'l fuq minn 55 % fil-Bulgarija, fl-Irlanda, fil-Greċja, fil-Kroazja, fl-Italja, fil-Portugall u fis-Slovakkja.

Il-parteċipazzjoni fl-ALMPs tista' tgħin fit-tnaqqis tal-qgħad fit-tul billi tiffaċilita l-ħruġ mill-qgħad aktar milli billi taffettwa l-influssi fil-qgħad, li fil-biċċa l-kbira huma ċikliċi. Kif turi l-Illustrazzjoni 3, il-pajjiżi bl-iktar rati tal-LTU baxxi (l-Iżvezja, l-Awstrija, il-Lussemburgu, id-Danimarka, il-Finlandja u l-Ġermanja) huma fost dawk fejn il-livell ta' parteċipazzjoni fl-ALMPs huwa l-ogħla. Għal diversi Stati Membri oħra, l-appoġġ għall-attivazzjoni ma jidhirx proporzjonat mal-isfida tal-qgħad li qed jaffaċċjaw.

Ir-rati ogħla ta' qgħad ġeneralment jiġu kontrobilanċjati b'taħlita ta' politiki tas-suq tax-xogħol attivi u passivi, kif muri fl-Illustrazzjoni 4. Xi Stati Membri b'livell għoli ta' qgħad jonfqu ishma relattivament żgħar tal-PDG tagħhom fuq servizzi tas-suq tax-xogħol u fuq miżuri attivi (partikolarment il-Bulgarija, is-Slovakkja, Ċipru, il-Kroazja u l-Greċja). Fl-istess ħin dawn il-pajjiżi għandhom infiq komparattivament għoli fuq miżuri passivi bħall-benefiċċji tal-qgħad (partikolarment l-Irlanda u Spanja, u l-Portugall u l-Italja għad illi f'ammonti iżgħar).

[12] Il-pajjiżi koperti bid-dejta ta' din l-iskeda informattiva huma tal-EU-28, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

[13] L-inċidenza tal-qgħad fit-tul tiġi kkalkulata bħala l-għadd ta' persuni li jkunu ilhom *qiegħda tul aktar minn 12-il xahar* diviż *bl-għadd totali ta' persuni qiegħda*.

**Illustrazzjoni 1 – Rati ta' qgħad fit-tul f'% tal-popolazzjoni attiva għall-UE-28, u fl-Istati Membri individwali fl-2008 u fl-2016**




*Sors: Eurostat, LFS.*

**Illustrazzjoni 2 – Sehem tal-qgħad fit-tul mill-qgħad totali f'%**




*Sors: Eurostat, LFS.*

**Illustrazzjoni 3 – Appoġġ għall-attivazzjoni (parteċipanti għal kull 100 persuna li jixtiequ jaħdmu, 2015) u rati tal-qgħad fit-tul f'kull Stat Membru, 2016**




*Sors: Eurostat, bażi tad-dejta tal-LMP.*

**Illustrazzjoni 4 – Infiq fuq servizzi tas-suq tax-xogħol, miżuri attivi u passivi (% tal-PDG; naħa tax-xellug) u r-rati tal-qgħad (fuq in-naħa tal-lemin) skont l-Istat Membru, 2016**




*Sors: Eurostat, bażi tad-dejta tal-LMP.*
*Nota: "Servizzi tas-suq tax-xogħol" tirreferi għall-kategorija 1 tal-bażi tad-dejta tal-LMP, "miżuri attivi" għall-kategoriji 2-7 u "miżuri passivi" għall-kategoriji 8-9 (manteniment u appoġġ mill-introjtu ta' barra mill-impjieg, irtirar kmieni). Id-dejta tal-LMP għall-Greċja u għar-Renju Unit hija tal-2010, ta' Ċipru tal-2012 u tal-Irlanda u ta' Spanja tal-2013.*

## 3. L-GĦODOD TA' POLITIKA LI JINDIRIZZAW L-ISFIDI POLITIĊI

Il-qgħad jista' jkollu diversi kawżi, bħan-nuqqas ta' domanda għall-ħaddiema jew ħiliet inadegwati. Jista' jkun influwenzat ukoll minn fatturi istituzzjonali bħal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjieg u t-tassazzjoni fuq ix-xogħol. Skeda informattiva separata tispjega l-kwistjonijiet u l-isfidi marbuta mal-Protezzjoni tal-Impjieg. Xi wħud minn dawn il-kawżi jistgħu jiġu ttrattati bl-użu tal-ALMPs, iżda dawn ma jaħdmux għal kull persuna qiegħda u fiċ-ċirkostanzi kollha. It-tfassil, il-kopertura u l-mira tal-ALMPs u l-mod kif jiġu implimentati (jiġifieri permezz tas-servizzi ta' impjieg pubbliku jew ta' oħrajn) huma ferm importanti f'termini tal-effettività u tal-effiċjenza tagħhom. S'issa hemm ammont raġonevoli ta' evidenza dwar liema politiki jaħdmu l-aħjar, għal liema persuni u f'liema ċirkostanzi. Madankollu, hija assunzjoni komuni li l-intervent bikri huwa kruċjali għall-prevenzjoni tal-qgħad fit-tul. Studju minn Ecorys and IZA jikkonkludi li "m'hemmx politika partikolari waħda li tista' sservi bħala għodda universali għat-titjib tal-prospettivi tas-suq tax-xogħol tal-persuni qiegħda[14]". Filfatt dan jenfasizza li l-ALMPs kollha għandhom il-merti u n-nuqqasijiet tagħhom. Fil-prattika dan ifisser li l-politiki jridu jkunu mfassla apposta għal kull persuna qiegħda individwali, u dan jitlob li jitħaddmu tekniki effettivi fit-tfassil tal-profil. Dan l-approċċ individwali jinkludi li jiġi stabbilit jekk persuna tkunx impjegata tul żmien qasir jew jekk tkunx ilha qiegħda żmien twil.

Anke jekk ħafna studji ta' valutazzjoni jaffaċċjaw nuqqasijiet metodoloġiċi[15], xorta jistgħu jisiltu konklużjonijiet wiesgħa mid-dokumentazzjoni eżistenti, li tista' tagħti gwida politika lill-Istati Membri fit-tfassil tal-ALMPs (ara l-kaxxa f'paġna 8)[16 17]. **L-inċentivi ta' reklutaġġ** għal ditti fis-settur tas-suq b'mod ġenerali mhumiex effettivi (ħlief fil-każ ta' domanda baxxa ħafna għall-ħaddiema), peress li dawn għandhom tendenza jikkawżaw telf nett kbir fl-ekonomija[18]. Barra minn hekk, hemm ir-riskju li l-impjegaturi jibdlu ħaddiema mhux issussidjati ma' ħaddiema ssussidjati jew li jistennew sakemm il-persuni li qed ifittxu impjieg isiru eliġibbli għal sussidji. Għaldaqstant jekk jintużaw, dawn l-inċentivi għandhom ikunu mmirati tajjeb u jitħaddmu fuq skala żgħira u fuq bażi temporanja. Jenħtieġ ukoll li jiddaħħlu mekkaniżmi li jinċentivaw lill-impjegaturi jżommu l-ħaddiema wara li jiskadi s-sussidju jew li dawn jitħaddmu flimkien ma' miżuri tal-ALMPs oħra biex tittejjeb l-impjegabbiltà tal-benefiċjarji. L-iktar effikaċja baxxa tipikament tinstab fil-ħolqien ta' impjiegi diretti fis-settur pubbliku (inklużi fl-iskemi ta' xogħlijiet pubbliċi).

L-ALMPs maħsuba biex iżommu l-impjieg, bħal skemi ta' xogħol tul medda qasira ta' żmien, għandhom jintużaw biss għal perjodi qosra u matul riċessjonijiet gravi. ALMPs li huma aktar kosteffikaċi u mixtieqa huma dawk li jqassmu mill-ġdid inċentivi lil persuni li fil-mument ma jkunux fis-suq tax-xogħol, sabiex tissaħħaħ il-konnessjoni tagħhom mas-suq tax-xogħol u sabiex jiġi appoġġjat l-inċentiv tagħhom biex jibqgħux qiegħda. Dawn l-ALMPs huma partikolarment effettivi matul l-irkupri.

Ġeneralment ikun hemm dewmien bejn

[14] Ecorys/IZA, "Analysis of Costs and Benefits of Active Compared to Passive Measures", 2012.

[15] Il-problemi metodoloġiċi fil-biċċa l-kbira huma relatati man-nuqqas tal-kontrofattwali, li mbagħad jenħtieġ li jiġi interpretat mid-dejta, eż. bl-użu ta' tekniki ta' tqabbil. L-esperimenti aleatorji ma jaffaċċjawx din il-problema iżda madankollu għadhom rari.

[16] Evalwazzjoni pjuttost komprensiva tal-effettività tal-ALMPs tinstab fid-dokument tal-Kummissjoni Ewropea, *Employment in Europe Report*, 2006. Kluve et al. (2010; "The Effectiveness of European Active Labour Market Programmes", Labour Economics 17, pp. 904-18) u Kluve et al. (2010; "Active Labour Market Policy Evaluations: A Meta Analysis", The Economic Journal 120, pp. 452-77) joffru analiżijiet (meta-) wiesgħa bbażati fuq għadd kbir ta' studji.

[17] Ħarsa ġenerali aktar estensiva tal-effikaċja tal-ALMPs tinsab fl-Anness 2.

[18] L-impjiegi ssussidjati kienu jinħolqu/jinżammu xorta waħda.

l-implimentazzjoni tal-ALMPs u l-effett tagħhom fuq is-suq tax-xogħol, għalkemm dan japplika aktar għal ċerti miżuri milli għal oħrajn. Studji bbażati fuq mikrodejta jissuġġerixxu li għalkemm l-effetti tal-ALMPs fuq ir-rati tas-sejbien tal-impjiegi għandhom tendenza jkunu pjuttost żgħar fuq medda qasira ta' żmien, ġeneralment l-impatt tagħhom fuq perjodi itwal ikun iżjed sostanzjali[19].

[19] "Effective Active Labour Market Policies", J. Boone & J. C. van Ours, IZA DP Nru 1335, 2004.

**Politiki attivi tas-suq tax-xogħol: għodod u gruppi fil-mira**

Is-suċċess tal-ALMPs ma jiddependix biss mil-livelli tan-nefqa iżda wkoll, u b'mod speċjali, mit-tfassil tal-miżuri u mill-mod kif jiġu implimentati.

- **Għoti ta' pariri u għajnuna għat-tiftix ta' impjieg:** dawn il-miżuri huma l-aktar utli għal persuni qiegħda tul żmien qasir, iżda xorta jista' jkollhom rwol importanti lil hinn minn dan jekk jagħmlu parti minn approċċ individwalizzat jew "imfassal apposta" għall-appoġġ lill-persuni qiegħda. L-individwalizzazzjoni tal-appoġġ tinkludi pariri kkombinati ma' firxa ta' tipi potenzjali ta' appoġġ, inklużi t-taħriġ vokazzjonali, l-għajnuna għat-tiftix ta' impjieg, korsijiet ta' "motivazzjoni" u l-appoġġ soċjali, dejjem skont il-ħtiġijiet identifikati tal-persuna li tkun qed tfittex xogħol.
- **Sussidji għall-impjegaturi:** programmi bħal dawn huma relattivament għalja u tipikament ikunu maħsuba għall-iktar gruppi żvantaġġjati, li fil-każ tagħhom miżuri oħra jkunu rriżultaw ineffettivi. Dawn il-miżuri jista' jkollhom rwol importanti biex jinfluwenzaw b'mod pożittiv l-attitudnijiet tal-impjegaturi lejn dawk li jkunu ilhom qiegħda żmien twil, billi jġibu liż-żewġ gruppi f'kuntatt ma' xulxin u billi joffru l-opportunità lill-impjegaturi biex "jittestjaw" impjegati prospettivi b'paga aktar baxxa minn dak sħiħa.
- **Skemi ta' ħolqien ta' impjiegi diretti/ħolqien ta' impjiegi:** Dawn l-iskemi huma tipikament maħsuba għal persuni qiegħda tul żmien medju jew twil biex jevitaw effetti perversi fuq l-impjieg fir-rigward ta' qiegħda tul żmien qasir, pereżempju fil-każ meta parteċipanti li setgħu sabu impjiegi "reali" jisfgħu miżmuma barra mis-suq tax-xogħol waqt li jkunu qed jipparteċipaw fl-iskema. Dawn l-iskemi huma wkoll tipikament aktar stabbli u durabbli biex jiżguraw l-effiċjenza u l-effettività tan-nefqa tagħhom.
- **It-taħriġ** is-soltu jkollu l-aktar effetti pożittivi u qawwija tul perjodu twil ta' żmien, iżda madankollu huwa għali. It-taħriġ fuq il-post tax-xogħol, il-programmi ġenerali u t-taħriġ vokazzjonali huma lkoll xierqa, iżda għal finijiet differenti. L-istudji juru li l-programmi ġenerali jikkontribwixxu għal tqabbil aħjar tal-ħiliet, b'mod partikolari wara l-ewwel dħul fis-suq tax-xogħol, filwaqt li l-programmi (iċċertifikati) ta' taħriġ vokazzjonali (ibbażati fil-post tax-xogħol jew flimkien ma' taħriġ ibbażat fl-iskola) jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol.

Biex jitnaqqas ir-riskju ta' qgħad fit-tul huwa importanti li t-taħlita ta' miżuri ta' attivazzjoni u l-ambjent istituzzjonali tagħhom jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi. L-isfida hija li jiġi żgurat li l-infiq fuq il-miżuri ta' attivazzjoni jibqa' effettiv anke f'ambjent ekonomiku fejn il-ħolqien tal-impjiegi jkun diffiċli. F'suq tax-xogħol ristrett jenħtieġ li wieħed iqis il-bilanċ preċiż bejn l-approċċi "l-ewwel ħarreġ" u "l-ewwel ħaddem".

Is-servizzi ta' impjieg pubbliku għandhom rwol kruċjali x'jaqdu fl-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuni qiegħda. Dan għaliex dawn huma l-iktar xierqa biex jindirizzaw il-gruppi differenti tal-persuni qiegħda[20]. Sabiex servizz ta' impjieg pubbliku jaħdem sew jeħtieġ:

- għadd suffiċjenti ta' persunal, li jkun imħarreġ tajjeb f'aspetti li jtejbu l-kwalità tas-servizz, bħad-diskriminazzjoni, l-impjiegi diċenti u t-trattament ta' każi sensittivi;
- servizzi integrati li jikkollaboraw b'mod effettiv ma' servizzi oħrajn tal-istat, b'mod speċjali dawk relatati mal-edukazzjoni, mas-saħħa, mal-akkomodazzjoni u ma' servizzi soċjali oħrajn;
- sistema mibnija tajjeb ta' evalwazzjoni u ta' segwitu[21].

Filfatt, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma essenzjali għall-valutazzjoni tal-effettività u għat-tisħiħ tagħha. Ġeneralment l-ALMPs bħala regola ma

[20] Ara l-Iskeda Informattiva Tematika dwar is-servizzi ta' impjieg pubbliku.

[21] EAPN: Fighting for a Social Europe Free of Poverty: http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=10834.

jkunux issorveljati u evalwati. L-iżvilupp ta' kultura ta' evalwazzjoni huwa importanti, u hemm diversi fatturi li jistgħu jikkontribwixxu f'dan. Dawn jinkludu l-impenn politiku favur tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza (u r-responsabbiltà), ir-rekwiżiti legali tal-evalwazzjoni, ir-rekwiżiti tal-evalwazzjoni għall-fondi Ewropej kif ukoll it-taħriġ u l-edukazzjoni tal-evalwaturi sabiex tiġi żgurata l-evalwazzjoni matul iċ-ċiklu tal-politika.

**Il-preżentazzjoni ta' għodda tal-ALMPs: inċentivi għall-impjieg favur il-ħolqien u l-appoġġ tal-impjiegi**

L-inċentivi għall-impjieg tipikament ikunu pagamenti jew tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tat-taxxa/tas-sigurtà soċjali mmirati, temporanji u kondizzjonali li jraħħsu l-ispejjeż tax-xogħol għall-impjegaturi, u b'hekk imbagħad iżidu d-domanda għall-ħaddiema. Fl-UE kollha, euro minn kull sitta minfuqa fuq l-ALMPs marru għall-inċentivi tal-impjieg, misbuqa biss fl-importanza min-nefqa fuq it-taħriġ u fuq is-servizzi tas-suq tax-xogħol.

F'kuntest ta' domanda baxxa għall-ħaddiema, l-inċentivi għall-impjieg jistgħu jkunu strument attraenti għall-appoġġ tal-impjieg filwaqt li jistgħu jtejbu wkoll l-impjegabbiltà ta' gruppi vulnerabbli speċifiċi. Għal din ir-raġuni, u minħabba l-ispazju fiskali limitat ta' bosta Stati Membri, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ (2013) sejħet għal sussidji salarjali u ta' reklutaġġ immirati u mfassla tajjeb, filwaqt li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar persuni qiegħda tul żmien twil (2016) irrakkomandat li l-inċentivi finanzjarji jiġu ffokati fuq skemi li jappoġġajw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, bħas-sussidji għar-reklutaġġ u t-tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali.

Madankollu, jekk dawn ma jkunux imfassla tajjeb, l-inċentivi għall-impjieg jistgħu jikkawżaw ħela fl-infiq tal-fondi pubbliċi, b'mod partikolari jekk fi kwalunkwe każ l-impjiegi ssussidjati kienu jkunu nħolqu/inżammu xorta waħda (dak li jissejjaħ "telf nett fl-ekonomija"), jew jekk is-sussidji sempliċement iwasslu lill-impjegaturi biex jingaġġaw/iżommu ċerti ħaddiema minflok oħrajn (fenomenu magħruf bħala "l-effetti ta' spostament"). Jistgħu wkoll inaqqsu l-produttività jekk joħolqu inċentivi għall-kumpaniji biex jissostitwixxu ħaddiema aktar produttivi b'oħrajn inqas produttivi. Jekk l-impjiegi jinħolqu biss għal matul il-perjodu tas-sussidju dan xorta jtejjeb l-impjegabbiltà tal-ħaddiema involuti, iżda l-benefiċċju soċjali nett ikun ferm aktar limitat jew saħansitra wkoll negattiv.

Il-karatteristiċi tat-tfassil li jimmassimizzaw il-benefiċċji tal-inċentivi għall-impjieg jinkludu:

- **il-mira lejn persuni qiegħda b'opportunitajiet limitati ta' impjieg** (eż. dawk qiegħda tul żmien twil, biex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' telf nett fl-ekonomija), iżda wkoll gruppi b'żieda potenzjali konsiderevoli fil-produttività (eż. żgħażagħ mingħajr esperjenza ta' xogħol li ma jkunx irnexxielhom isibu impjieg matul ċertu żmien);
- **l-iżgurar li l-perjodu sussidjat iżid il-produttività** tal-ħaddiem, eż. b'komponent ta' taħriġ effettiv u bit-taħriġ;
- **l-introduzzjoni ta' kondizzjonijiet li jżidu l-probabbiltà li r-relazzjoni tal-impjieg tiġi estiża lil hinn mill-perjodu ssussidjat** (eż. kontrolli li jivverifikaw li l-benefiċjarju jkun għadu impjegat mid-ditta f'ċertu punt wara tmiem is-sussidju, u/jew li l-kumpanija tkun qed toħloq l-impjiegi b'mod gross jew nett fi ħdanha;
- **monitoraġġ u evalwazzjoni regolari** ta' ditti ssussidjati u tal-imġiba tagħhom fir-reklutaġġ, u ta' ħaddiema benefiċjarji.

**Dokumentazzjoni relatata:**
Brown, A. (2015), "Can hiring subsidies benefit the unemployed?" IZA World of Labor 2015; il-Kummissjoni Ewropea, 2014. "Stimulating job demand: the design of effective hiring subsidies in Europe," Osservatorju Ewropew tal-Politiki dwar ix-Xogħol; HoPES (2013), "HoPES Note on Criteria for sustainable wage subsidies." Rispons min-Netwerk Ewropew tal-Kapijiet tas-Servizzi ta' Impjieg Pubbliku għal sejħiet għal azzjoni miftiehma fil-Konferenza ta' Berlin dwar l-Impjieg taż-Żgħażagħ fit-3 ta' Lulju 2013.

Fl-isfond tal-miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali, il-lok għall-immanuvrar huwa limitat u b'mod ġenerali l-infiq pubbliku jinsab taħt pressjoni. Għalhekk, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-prijoritizzazzjoni tan-nefqa favur it-tkabbir. Din tinkludi t-tisħiħ, fejn meħtieġ, tal-kopertura tas-servizzi ta' impjieg pubbliku u tal-ALMPs kif ukoll it-tisħiħ tal-effettività tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-immirar u tal-individwalizzazzjoni xierqa tal-appoġġ.

## 4. EVALWAZZJONI BIR-REQQA TAL-ISTAT TAL-POLITIKA

Il-prattika tal-UE turi li l-ALMPs qed isiru dejjem iktar diversifikati fin-natura tagħhom, billi qed iħaddmu approċċ aktar adattat għall-ħtiġijiet individwali. Qed issir ukoll enfasi aktar qawwija fuq l-infurzar tad-disponibbiltà tax-xogħol u fuq ir-rekwiżiti tal-obbligi reċiproċi. Dan ifisser li dawk li jirċievu l-benefiċċji huma mistennija jimpenjaw ruħhom f'attivitajiet immonitorjati ta' tiftix ta' impjieg u jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom "bi skambju" għall-intitolament għall-benefiċċji. F'dawn l-aħħar snin, l-Istati Membri taw prijorità akbar lill-kisba tal-koordinazzjoni effettiva tal-ALMPs mal-amministrazzjoni tal-benefiċċji u ma' politiki msejħa "make work pay", sabiex jimplimentaw strateġiji ta' attivazzjoni konsistenti.

It-tfassil tal-appoġġ għall-ħtiġijiet individwali spiss jeħtieġ koordinazzjoni aħjar tas-servizzi bejn l-organizzazzjonijiet involuti. Bi tweġiba għal din il-ħtieġa, l-Istati Membri qablu fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jistabbilixxu punt ta' kuntatt uniku għall-persuni qiegħda tul żmien twil. L-iskambju ta' dejta u ta' pjattaformi ta' interoperabbiltà huma kruċjali għat-twassil effettiv tas-servizzi. Ċertu pajjiżi huma avvanzati sew fit-twettiq ta' punt uniku ta' kuntatt, iżda pajjiżi oħra għadhom qed jagħmlu l-ewwel passi biex jikkoordinaw l-għoti tas-servizz bejn l-organizzazzjonijiet rilevanti.

It-twassil tal-ALMPs għadu sfida f'xi Stati Membri. Għad hemm lok biex is-servizzi tal-impjieg pubbliku: (i) itejbu l-effettività u l-effiċjenza tagħhom biex jiġi żgurat li l-persuni jfittxu x-xogħol isibu impjieg b'mod aktar faċli; u (ii) jippermettu dan bl-inqas spiża possibbli. F'bosta Stati Membri, is-servizzi tal-impjiegi pubbliku xorta jistgħu joffru servizzi li jkunu aktar individwalizzati u mmirati aħjar. Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati (għalkemm bi gradi differenti) f'rakkomandazzjonijiet speċifiċi skont il-pajjiżi lil diversi Stati Membri matul dawn l-aħħar ftit snin bħala parti mill-proċess ta' monitoraġġ ekonomiku tas-"Semestru Ewropew".

Għadd ta' pajjiżi, pereżempju, qed jagħtu lil persuni li ilhom qiegħda żmien twil appoġġ aktar individwalizzat, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li sejħet għal ftehimiet ta' integrazzjoni tal-impjiegi li jfasslu l-appoġġ għal ħtiġijiet individwali bi drittijiet u b'obbligi ċari kemm għall-persuni qiegħda kif ukoll għall-korpi ta' appoġġ. Pajjiżi oħrajn esternalizzaw is-servizzi ta' impjieg għal dawk li ilhom qiegħda żmien twil, filwaqt li grupp ieħor ta' pajjiżi żiedu t-taħriġ għal dawn il-persuni.

Fil-Bulgarija ttieħdu miżuri li jtejbu l-mira tal-ALMPs u li jintegraw aħjar is-servizzi tal-impjieg u s-servizzi soċjali għal gruppi żvantaġġjati. Il-miżura tinkoraġġixxi l-ingaġġ ta' persuni qiegħda fit-tul taħt l-Artikolu 55(c) tal-Att dwar il-Promozzjoni tal-Impjieg u taħt il-programm statali ffinanzjat mill-baġit għat-taħriġ u għall-impjieg ta' persuni qiegħda fit-tul. Se jkunu mmirati sa 2,900 persuna qiegħda fit-tul, b'total ta' EUR 4.6 miljun li se jiġu allokati għal din l-inizjattiva.

Fid-Danimarka ġiet imnedija skema primjum tal-impjieg li żżid l-inċentivi għal persuni qiegħda fit-tul biex jibdew jaħdmu. Il-persuni qiegħda fit-tul li jidħlu fl-impjieg jistgħu jirċievu primjum tal-impjieg eżenti mit-taxxa li jammonta għal 10 % tal-introjtu tagħhom, sa massimu ta' DKK 2,500 (EUR 336) kull xahar. Dan il-primjum jista' jingħata tul massimu ta' 18-il xahar, li jfisser primjum ta' impjieg massimu ta' DKK 45,000 (EUR 6,053) għal kull

persuna. Din hija inizjattiva ta’ politika temporanja li għandha tibqa’ fis-seħħ tul sentejn (mill-1 ta’ April 2017 sal-1 ta’ April 2019).

Fl-Estonja, il-programm tas-suq tax-xogħol 2017-2020 jinkludi dispożizzjoni għall-Fond tal-Assigurazzjoni tal-Qgħad biex joffri miżuri attivi li jevitaw il-qgħad. Dawn jinvolvu miżuri li jappoġġjaw il-parteċipazzjoni f’taħriġ formali, vawċers ta’ taħriġ u kumpens għall-ispejjeż tat-taħriġ għall-impjegaturi. Dawn il-miżuri se jkunu mmirati lejn dawk il-persuni li jkunu għadhom fis-suq tax-xogħol. Il-gruppi mmirati ewlenin se jkunu persuni mingħajr kwalifiki professjonali, persuni b’edukazzjoni u b’ħiliet skaduti, persuni b’ħiliet baxxi fil-lingwa Estonjana, persuni ta’ 50 sena jew aktar jew persuni li jkunu jeħtieġu impjieg ġdid minħabba raġunijiet ta’ saħħa.

Fi Franza ġie stabbilit pjan għall-finanzjament ta’ korsijiet ta’ taħriġ addizzjonali għal 500,000 persuna li qed tfittex impjieg, u s’issa dan wassal għal kważi 1.1 miljun azzjoni ta’ taħriġ f’setturi bi prospetti tax-xogħol u ekonomiċi pożittivi. Madwar 28 % tat-taħriġ kien immirat lejn persuni bi kwalifiki baxxi, 29 % fuq iż-żgħażagħ u 20 % fuq dawk li kienu ilhom ħafna jfittxu impjieg. Il-pjan huwa implimentat mill-kunsilli reġjonali, li jirrappreżentaw il-livell ta’ gvern lokali fi Franza responsabbli mill-edukazzjoni u mit-taħriġ vokazzjonali permezz ta’ konvenzjonijiet ta’ reġjuni statali. Skont il-konvenzjonijiet, ir-reġjuni jiddeċiedu dwar it-taħriġ li għandu jiġi propost u s-servizzi tal-impjieg pubbliku joffru t-taħriġ lil persuni jfittxu impjieg. Il-pjan ġie estiż sal-ewwel nofs tal-2017.

Fl-aħħar nett, il-Portugall nieda miżura li tgħin lill-persuni qiegħda jiksbu kuntratti permanenti li tiffoka fuq gruppi vulnerabbli bħaż-żgħażagħ, il-persuni qiegħda fit-tul u l-ħaddiema aktar avvanzati fl-età. B’din il-miżura l-ġdida, l-appoġġ biex jinkisbu kuntratti għal terminu fiss jingħata biss **f’każi eċċezzjonali** (eż. lil gruppi vulnerabbli ħafna bħar-refuġjati u dawk li kienu l-ħabs). L-iskema tappoġġja wkoll il-konverżjoni ta’ kuntratti b’terminu fiss f’kuntratti permanenti. Il-mira stabbilita fil-programm ta’ riforma nazzjonali tal-Portugall għall-2017 hija l-ħolqien ta’ 15,000 impjieg. B’din il-miżura diġà ġew appoġġati aktar minn 10,000 impjieg.

Data: 11.11.2017

## ANNESS: INDIKATURI STATISTIĊI

**Tabella 1 – Rati tal-qgħad fit-tul fl-UE, fiż-żona tal-ewro u fl-Istati Membri individwali fl-2014 u fl-2015 skont is-sess**

| Sess: | **Nisa** | | **Rġiel** | |
|---|---|---|---|---|
| Żmien: | 2015 | 2016 | 2015 | 2016 |
| EU-28 | 4.5 | 4.0 | 4.5 | 3.9 |
| EA-19 | 5.6 | 5.1 | 5.5 | 4.8 |
| BE | 3.9 | 3.8 | 4.8 | 4.2 |
| BG | 5.0 | 4.1 | 6.1 | 4.8 |
| CZ | 2.9 | 2.0 | 2.0 | 1.4 |
| DK | 1.7 | 1.4 | 1.6 | 1.3 |
| DE | 1.7 | 1.4 | 2.3 | 1.9 |
| EE | 2.2 | 1.8 | 2.5 | 2.4 |
| IE | 3.6 | 2.9 | 6.7 | 5.4 |
| EL | 21.2 | 20.5 | 15.8 | 14.1 |
| ES | 12.4 | 10.8 | 10.5 | 8.4 |
| FR | 3.9 | 4.0 | 4.6 | 4.6 |
| HR | 10.5 | 6.5 | 10.1 | 6.8 |
| IT | 7.4 | 7.4 | 6.6 | 6.2 |
| CY | 6.2 | 5.2 | 7.5 | 6.3 |
| LV | 3.6 | 3.1 | 5.4 | 4.9 |
| LT | 3.4 | 2.6 | 4.4 | 3.4 |
| LU | 1.9 | 2.1 | 1.9 | 2.2 |
| HU | 3.1 | 2.4 | 3.1 | 2.3 |
| MT | 1.3 | 1.8 | 3.0 | 2.0 |
| NL | 2.9 | 2.7 | 3.0 | 2.4 |
| AT | 1.4 | 1.7 | 1.9 | 2.2 |
| PL | 3.0 | 2.1 | 2.9 | 2.2 |
| PT | 7.2 | 6.0 | 7.3 | 6.4 |
| RO | 2.6 | 2.5 | 3.3 | 3.3 |
| SI | 5.4 | 4.5 | 4.1 | 4.1 |
| SK | 8.3 | 6.3 | 6.9 | 5.5 |
| FI | 1.8 | 2.0 | 2.7 | 2.5 |
| SE | 1.2 | 1.1 | 1.7 | 1.4 |
| UK | 1.3 | 1.1 | 1.9 | 1.5 |

*Sors: Eurostat.*

**Tabella 2 – Qgħad fit-tul (12-il xahar jew aktar) bħala perċentwal tal-qgħad totali, skont is-sess (%)**

| Sess: | **Nisa** | | **Rġiel** | |
|---|---|---|---|---|
| Żmien: | 2015 | 2016 | 2015 | 2016 |
| EU-28 | 47.6 | 46.2 | 48.6 | 46.7 |
| EA-19 | 51.0 | 49.8 | 51.3 | 49.6 |
| BE | 50.6 | 50.8 | 52.5 | 52.2 |
| BG | 59.6 | 58.9 | 62.4 | 59.2 |
| CZ | 46.8 | 42.6 | 47.8 | 41.5 |
| DK | 26.2 | 21.6 | 27.5 | 23.0 |
| DE | 41.3 | 38.2 | 45.3 | 42.6 |
| EE | 35.7 | 30.1 | 40.8 | 32.8 |
| IE | 46.6 | 43.7 | 61.7 | 58.8 |
| EL | 72.7 | 71.1 | 73.1 | 72.0 |
| ES | 50.4 | 46.1 | 51.6 | 48.4 |
| FR | 43.6 | 46.1 | 42.6 | 44.2 |
| HR | 61.3 | 47.2 | 64.8 | 54.0 |
| IT | 58.0 | 57.7 | 58.1 | 57.1 |
| CY | 41.8 | 38.2 | 49.2 | 50.1 |
| LV | 41.2 | 37.0 | 48.5 | 44.9 |
| LT | 42.1 | 39.1 | 43.6 | 37.7 |
| LU | 25.8 | 32.1 | 31.0 | 37.3 |
| HU | 44.0 | 47.3 | 47.1 | 45.8 |
| MT | 37.2 | 35.2 | 54.4 | 45.3 |
| NL | 40.2 | 40.7 | 45.6 | 42.3 |
| AT | 25.9 | 29.7 | 31.8 | 34.3 |
| PL | 38.8 | 34.0 | 39.6 | 35.8 |
| PT | 56.1 | 53.4 | 58.8 | 57.3 |
| RO | 44.1 | 49.8 | 43.8 | 50.1 |
| SI | 53.8 | 52.5 | 50.7 | 54.1 |
| SK | 64.7 | 58.4 | 66.9 | 62.3 |
| FI | 20.3 | 22.9 | 27.8 | 28.2 |
| SE | 17.0 | 16.9 | 21.9 | 19.5 |
| UK | 26.3 | 23.3 | 34.3 | 30.3 |

*Sors: Eurostat.*